# TAL-MULEJ HI L-ART U KULMA FIHA





**Salm 65: 10-14**

Inti żżur l-art u ssaqqiha,
u tagħniha bil-ġid tiegħek.
Il-wied ta' Alla mimli bl-ilma;
il-qamħ tagħhom ħejjejtilhom.
Hekk int tħejjiha:
issaqqi r-raddiet u twitti t-tub tagħha,
bl-irxiex trattabha
u tberkilha ż-żrieragħ.
Fawwart is-sena bi tjubitek,
triqatek bil-ġid joqtru.
Joqtru bin-nida l-mergħat tad-deżert,
u bil-ferħ jitħażżmu l-għoljiet.
Il-mergħat jimtlew bl-imrieħel,
il-widien jinksew bil-qamħ;
jgħajtu lkoll u jgħannu bil-ferħ!





PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## ŻMIEN TA' TALB U IMPENN GĦALL-ĦARSIEN TAL-ĦOLQIEN

Ta' kull sena, iktar u iktar sa mix-xandir tal-Ittra enċiklika 'Laudato si' (24/05/2015), l-ewwel jum ta' Settembru għall-familja Nisranija jimmarka l-Jum Dinji ta' Talb għall-Ħarsien tal-Ħolqien, li bih jibda Żmien il-Ħolqien, u li jagħlaq fl-4 ta' Ottubru, fit-Tifkira ta' San Franġisk ta' Assisi. F'dan il-perjodu, l-Insara mad-dinja kollha jiġu mistiedna jġeddu l-fidi tagħhom f'Alla ħallieq u jingħaqdu b'mod speċjali fit-talb u fl-azzjoni għall-ħarsien tad-dar komuni.

It-tema magħżula għal din is-sena hija: "Ġublew għall-Art", għax proprju din is-sena jaħbat il-50 anniversarju minn Jum l-Art. Papa Franġisku, fil-messaġġ tiegħu għal dan iż-żmien, jgħid li fl-Iskrittura Mqaddsa, il-Ġublew hu żmien qaddis li fih wieħed jiftakar, jerġa' lura, jistrieħ, isewwi u jifraħ.

### *1. Żmien biex niftakru*

Aħna msejħin niftakru fis-sejħa li saritilna fil-bidu tal-ħolqien biex inkunu u nikbru f'komunità ta' mħabba. Aħna neżistu biss f'relazzjonijiet: ma' Alla li joħloq, ma' ħutna bħala membri ta' familja komuni, u mal-ħlejjaq kollha li jgħammru fl-istess dar tagħna. (ara LS, 92). Għalhekk il-Ġublew hu żmien biex wieħed jiftakar li "kollox hu marbut ma' xulxin, u li l-ħarsien awtentiku tal-istess ħajjitna u tar-relazzjonijiet tagħna man-natura ma nistgħux nifirduh mill-imħabba tal-aħwa, mill-ġustizzja u mill-fedeltà fil-konfront tal-oħrajn" (LS, 70).

### *2. Żmien biex nerġgħu lura*

Il-Ġublew hu żmien biex nerġgħu lura u nsewwu t-triqat tagħna. Aħna ċarratna r-rabtiet li kienu jorbtuna mal-Ħallieq, mal-bnedmin l-oħra u mal-bqija tal-ħolqien. Ma nistgħux ngħixu f'armonija mal-ħolqien mingħajr ma nkunu fil-paċi mal-Ħallieq. Papa Benedittu XVI kien stqarr li "il-konsum brutali tal-ħolqien jibda fejn ma hemmx Alla, fejn il-materja saret biss materjal għalina, fejn aħna nfusna nsiru l-aħħar kelma, fejn il-ġabra flimkien hi sempliċiment proprjetà tagħna" (Laqgħa mal-Kleru tad-Djoċesi ta' Bolzano-Bressanone, 06/08/2008). Jeħtieġilna nerġgħu nibdew ukoll naħsbu fl-oħrajn, b'mod speċjali fil-foqra u fid-dgħajfa, u mhux ngħixu f'kompetizzjoni li tifred. Fuq kollox, hemm bżonn nerġgħu nagħtu widen lill-art, li l-Iskrittura turihielna bħala adamah, il-post li minnu ħareġ il-bniedem, Adam. Illum il-leħen tal-ħolqien qed isejħilna, biex niftakru li aħna parti, u mhux sidien, tax-xibka tal-ħajja li hi kollha rabta waħda.

**3. *Żmien biex nistrieħu***
Illum l-istili ta' ħajja tagħna qed jimbuttaw lill-pjaneta fix-xifer u iżjed minn kemm tiflaħ. Id-domanda kontinwa għat-tkabbir u ċ-ċiklu bla waqfien tal-produzzjoni u tal-konsum qed jifnu lill-ambjent. Il-foresti qed jiżżarmaw, il-ħamrija qed tgħosfor, l-għelieqi qed jgħibu, l-art deżerta dejjem tikber, l-ibħra qed jitniġġsu u t-tempesti qed jiħraxu: il-ħolqien qed jokrob bl-uġigħ! Matul il-Ġublew, il-Poplu ta' Alla kien mistieden jistrieħ mix-xogħol tas-soltu, biex, grazzi għat-tnaqqis fil-konsum tas-soltu, iħalli l-art tiġġedded u d-dinja titranġa. Fi żmienna hemm bżonn insibu stili ġusti u sostenibbli ta' ħajja, li jroddu lill-Art il-mistrieħ li jixirqilha, toroq ta' nutriment biżżejjed għal kulħadd. Il-pandemija ta' bħalissa b'xi mod wasslitna biex nerġgħu niskopru stili ta' ħajja iżjed sempliċi u sostenibbli. F'ċertu sens, il-kriżi tatna l-possibbiltà li niżviluppaw modi ġodda ta' kif ngħixu għax stajna naraw biċ-ċar kif l-Art jirnexxielha tirkupra dak li tilfet jekk inħalluha tistrieħ: l-arja saret iżjed nadifa, l-ilmijiet iżjed ċari, l-ispeċi tal-annimali reġgħu lura f'bosta postijiet li minnhom kienu għebu. Il-pandemija ġabitna f'salib it-toroq. Jeħtieġ nikkultivaw valuri, rabtiet u proġetti li jġibu l-ħajja, u ngħarblu d-drawwiet tagħna fl-użu tal-enerġija, fil-konsum, fit-trasport u fl-ikel.

**4. *Żmien biex insewwu***
Il-Ġublew hu żmien biex insewwu l-armonija li kien hemm fil-bidu tal-ħolqien u biex infejqu r-relazzjonijiet umani li jinsabu f'riskju. Jistedinna noħolqu mill-ġdid relazzjonijiet soċjali ġusti, u rroddu lil kulħadd il-libertà tiegħu u l-ġid tiegħu, naħfru d-djun li l-oħrajn għandhom magħna. Għalhekk ma rridux ninsew l-istorja ta' sfruttament tan-Nofsinhar tal-pjaneta, li pprovokat dejn ekoloġiku enormi, dovut prinċipalment lill-abbuż tar-riżorsi u lill-użu eċċessiv tal-ispazju ambjentali komuni biex fih jinxteħet l-iskart. Hu ta' importanza mill-akbar li jerġa' jintlaħaq il-bilanċ klimatiku, u jitnaqqas il-livell ta' tinġis. It-tisħiħ tal-bijodiversità hu daqstant ieħor kruċjali fil-kuntest tal-għajbien ta' speċi minn fuq wiċċ l-art u tal-qerda bla preċedent ta' ekosistemi sħaħ. Aħna fid-dmir li nsewwu skont il-ġustizzja, u niżguraw li dawk li għexu fuq art partikulari għal ġenerazzjonijiet sħaħ jistgħu jiskbu mill-ġdid l-użu sħiħ tagħha. L-imġiba żbaljata azjendali tirrappreżenta "tip ġdid ta' kolonjaliżmu" u hi tal-mistħija kif kumpanija tasal tisfrutta komunitajiet u pajjiżi l-iżjed foqra fit-tiftix iddisprat tagħha għal żvilupp ekonomiku.

**5. *Żmien biex nifirħu***
Fit-tradizzjoni biblika, il-Ġublew jirrappreżenta ġrajja ta' ferħ u hena, imnedija mill-ħoss tad-daqq ta' tromba li jidwi mal-art kollha. Għandna għax nifirħu wkoll meta naraw kif is-Sena speċjali tal-anniversarju tal-'Laudato si' qed tnebbaħ għadd ta' inizjattivi fuq livell lokali u globali b'risq l-għożża u l-ħarsien tad-dar komuni u tal-foqra. Ħa nkomplu nikbru fl-għarfien li lkoll kemm aħna qed ngħixu f'dar komuni bħala membri tal-istess familja! Nifirħu għax, fi mħabbtu, il-Ħallieq iwieżen l-isforzi ċkejkna tagħna għall-ġid tal-Art. Din ukoll hija d-dar ta' Alla, fejn il-Verb tiegħu "sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14), il-post li t-tiswib tal-Ispirtu s-Santu kontinwament iġedded.

**"Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art"**
(ara Salm 104:30).



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Settembru 2020

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 4 ta' Settembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar** |
| | Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom |
| | Fis-5:45pm - Qrar |
| | Fis-6:30pm - Quddiesa |
| | Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| | Fis-7:30pm - Laqgħa għall-Ġenituri/ Kustodji u l-Parrini mal-Kappillan dwar il-Griżma tal-Isqof fil-Knisja Parrokkjali |
| It-Tnejn 7 ta' Settembru | Fil-5:00pm - Laqgħa għall-Adolexxenti mal-Kappillan fil-Knisja Parrokkjali |
| It-Tlieta 8 ta' Settembru | **Solennità tat-Twelid tal-Madonna - Il-Vitorja** |
| L-Erbgħa 9 ta' Settembru | Fil-5:00pm - Qrar għall-Adolexxenti fil-Knisja |
| Il-Ġimgħa 11 ta' Settembru | Fil-5:00pm - Prova fil-Knisja taċ-Ċerimonja tal-Griżma tal-Isqof |
| Is-Sibt 12 ta' Settembru | Mill-5:00pm - Qrar għall-Ġenituri u Parrini sas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali |
| Il-Ħadd 13 ta' Settembru | **Jum il-Griżma tal-Isqof** |
| | Fid-9:00am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof |
| | u |
| | Fl-10:30am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof |
| Il-Ħadd 20 ta' Settembru | Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija |
| Il-Ħadd 27 ta' Settembru | Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Max Piscopo
Emma Tufigno
Matthew Sant
Elisa Grixti
Harry Paul Grech
Jenivelle Briffa
Beppe Sciberras

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Paul Agius
Paul Vella

***Nitolbu għalihom!***

